MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 20/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Vella**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba permezz ta' att ta' citazzjoni (datata 14 ta' Frar 2006) mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Vella, bin Spiridione u Emanuela nee Farrugia, imwieled fl-4 ta' Gunju 1974, detentur tal-karta tal-identita` nru 295674M, talli (**1**) nhar il-11 ta' Awwissu 2004, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, ikkommetta serq ta' majna[1] mill-hanut tax-xorb imsemmi "Gejtano Bar", li jinsab fi Triq Rubly, il-Marsa, a dannu ta' Mario Portelli, liema serq jeccedi l-mitt lira izda anqas minn hames mitt lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u bix-xorta tal-haga misruqa; (**2**) fl-istess data, hin, u lok ikkommetta serq ta' erba' grosos sigaretti

[1] *Mina bird* jew *Myna bird* jew *gracula religiosa.*

mill-istess hanut a dannu tal-istess Mario Portelli, liema valur misruq ma jeccedix il-mitt lira, u bis-serq ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz, lok u bix-xorta tal-haga misruqa; (**3**) fl-istess data, hin, u lok ikkawza hsarat volontarji fil-hanut imsemmi, liema hsara teccedi l-ghaxar liri izda mhux il-hamsin lira; (**4**) talli nhar il-11 ta' Awwissu ghall-habta tal-4.00 pm xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom; kif ukoll (**5**) talli sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi George Vella hati ta' serq skond l-ewwel u t-tieni imputazzjoni (b'dan, pero`, li s-serq kien kwalifikat biss bil-mezz u bil-valur), kif ukoll hati li hu recidiv; dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni u ma qalet assolutament xejn dwar it-tielet imputazzjoni; dik il-qorti kkundannat lill-imsemmi George Vella ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi George Vella, minnu ppresentat fis-27 ta' Jannar 2009, li permezz tieghu huwa talab li jigi liberat minn dawk l-akkuzi li taghhom huwa instab hati jew, alternattivament u bla pregudizzju li l-istess sentenza tigi riformata kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-aggravji huma elenkati taht sitt paragrafi, dawn fir-realta` jammontaw ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ma kellhiex provi bizzejjed quddiemha li a bazi taghhom hija setghet tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-akkuzi tas-serq. L-appellant donnu jippretendi li f'kull kaz ta' serq fejn dak li jkun ma jinqabadx *in flagrante*, biex ikun hemm sejbien ta' htija iridu jkunu nstabu xi impronti digitali fuq il-post li jaqblu ma' ta' l-imputat. Jillanja wkoll ma giex pruvat li l-ghasfur misruq, li eventwalment spicca f'*pet shop*, kien effettivament dak li nsteraq mill-hanut ta' Mario Portelli.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, tikkunsidra dana l-appell bhala wiehed fieragh. L-ghasfur gie debitament identifikat minn sidu (u dan anke minn xi kliem li dan l-ghasfur kien tghallem jghid). Kif gustament irriteniet l-ewwel qorti, f'dan il-kaz kienet tapplika l-presunzjoni tal-pussess ricenti: ftit hin – kwistjoni ta' sieghat – wara li l-majna naqset, flimkien ma' oggetti ohra, mill-hanut ta' Portelli din kienet f'idejn l-appellant li mar biha ghand John Micallef, sid il-*pet shop*, u bieghhielu malajr. L-appellant qatt ma ta spjegazzjoni plawsibbli ta' kif din il-majna giet ghandu. L-ewwel qorti, ghalhekk, kienet pjenament gustifikata li tasal ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha.

Kwantu ghall-piena, tenut kont tal-antecedenti penali tal-appellant, il-piena ta' disa' xhur prigunerija kienet wahda korretta.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens tal-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ukoll ghal ammenda ta' mija w sittax-il euro u sitta w erbghin centezmu (€116.46), konvertibbli f'ghaxart ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------